# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Illum, 4 ta' Settembru, 2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**
**vs**
**Roderick Tabone**

**Kumpilazzjoni Nru: 500/2015**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Roderick Tabone, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 517387 (M).

Akkuzat talli nhar it-22 ta' Mejju, 2015 gewwa s-Siggiewi;

i. Ikkommeta serq ta' pouch (li fih hemm cheque book u multi tool ta' valur ta' €26) ta' valur totali mhux maghruf, minn gewwa vettura bin-numru ta' registrazzjoni EBN 301 ghad-dannu ta' Etienne Farrugia liema serq hu aggravat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa.
ii. Volontarjament ghamel hsara li tammonta ghal inqas minn mitejn u hmasin Euro (€250) u ghad-dannu ta' Etienne Farrugia;
iii. U aktar talli f'Malta xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir

f'Malta jew xjentement b'kull mod li kun indahal biex ibieghhom jew imexxihom

U aktar talli ikkommetta reat waqt li kien taht ordni ta'probation, liema sentenza nghatat mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke LL. D nhar is-07 ta' Ottubru, 2013 liema sentenza saret definittiva u ma' tistax tigi mibdula.

U aktar talli ikkommetta reat waqt li kien taht ordni operattiva ta' liberta kundizzjonata ta' sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke LL. D nhar is-07 ta' Ottubru, 2013 liema sentenza saret definittiva u ma' tistax tigi mibdula.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jinstemgha i procedura sommarja u li l-imputat am kellux oggezzjoni li l-kaz hekk jinstema'.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunisdra l-pozizzjoni tieghu.

Rat l-atti processwali.

Semghet l-ufficjal tal-probation.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena hemm diversi fatturi x'jittiehdu in konsiderazzjoni. Bla dubbju l-ewwel fattur li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni huwa n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat. Min-naha l-ohra l-Qorti bil-fors ghandha tiehu in konsiderazzjoni l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Illi pero hemm fatturi ohra li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni u cioe l-precedenti penali ta'l-imputat. Fit-22 ta' Jannar 2013 l-imputat kien instab hati ta' reati relatati ma' pussess ta' droga u inghata liberta kundizzjonata

ghal sena u nofs. Aktar tard dik is-sena l-imputat rega tressaq il-Qorti b'zewg kazijiet separati: wiehed dwar pussess ta' droga u l-iehor dwar serq aggravat. Peress li l-Qorti fehemet li l-imputat ghandu bzonn l-ghajnuna biex ikun jista' jeghleb il-vizzju tad-droga, permezz tas-sentenzi mghotija fis-7 ta' Ottubru 2013, poggietu taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin bil-kundizzjonijiet hemm elenkati; aktar minn hekk l-Qorti ghazlet li ma titrattax ma'l-imputat ghar-reati li taghhom kien instab hati fit-22 ta' Jannar 2013 pero estendiet il-perjodu ta' liberta kundizzjonata ghall-massimu ta' tlett snin.

Illi f'dan il-perjodu l-imputat kellu l-ghajnuna tal-probation officer li ndirizzatu lejn l-agenziji kompetenti biex jibda jindirizza l-problema tad-droga. L-imputat fil-fatt beda l-programm diversi drabi izda qatt ma komplih sa tmiemu. Fil-verita jidher li l-imputat kien jew jaqta' qalbu u jitlaq mill-programm jew, minhabba l-inosservanza tar-regoli tal-programm, kien jitkecca; dan dejjem gara fi zmien qasir hafna wara li jibda l-programm. Aktar minn hekk jirrizulta li anke f'dawn l-ahhar gimghat, u cioe meta kien qed jithejja l-presentencing report, l-imputat baqa jabbuza mid-droga.

Illi huwa car li l-imputat inghata diversi opportunitajiet biex jirriablilta lilu nnisfu minghajr ma jkollu jiskonta piena karcerarja, u anke inghata l-ghajnuna kollha disponibbli biex hu jkun jista' jeghleb il-vizzju tad-droga. Minkejja dan kollu l-imputat baqa jippersisti fit-triq li kien qabad u irrifjuta l-ghajnuna li nghatatlu. Fil-waqt li l-Qorti tifhem li minn ghandu problema tad-droga ghandu bzonn ta' ghajnuna biex ikun jista' jeghlibha u jaqbad it-triq ta' riabilitazzjoni, min-naha l-ohra l-persuna koncernata trid taghmel il-parti taghha, tilqa l-ghajnuna li tinghatalha, tikkopera mal-professjonisti involuti u tosserva r-regoli u direttivi li tinghata. L-imputat m'ghamel xejn minn dan; u ma jistax issa jippretendi li jibqa jikser il-Ligi billi jisraq u jivvjola d-drittijiet ta' terzi persuni b'impunita.

Illi fil-fatt il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-probation officer u hija konvinta li l-unika piena li tista' timponi ghar-reati odjerni hija wahda karcerarja. Il-Qorti pero qed taghzel li ma titrattax ma'l-imputat ghar-reati li taghhom kien instab hati precedentement b'l-ghan li waqt u immedjatament wara li jiskonta din il-piena jkun jista' jibqa' juzufrwixxi mill-ghajnuna ta'l-ufficjal tal-probation u b'tama li perjodu ta' inkarcerazzjoni jkun sufficjenti biex huwa f'l-ahhar jirrealizza li l-parti tieghu jrid jaghmilha hu ukoll.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 261(b)(g), 263, 264, 271(g), 334 u 351(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 7, 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu permezz ta' din ic-citazzjoni u tikkundannah sittax (16) il-xahar prigunerija u taghzel li ma titrattax mieghu ghar-reati li taghhom kien instab hati fit-22 ta' Jannar 2013 u fis-7 ta' Ottubru 2013[1].

Il-Qorti qed tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin biex meta l-imputat juri li verament jixtieq jibda jindirizza l-problema tad-droga jinghata kull ghajnuna biex ikun jista' jaghmel dan.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**

[1] F'din id-data permezz ta' zewg sentenzi.